## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' Marzu, 2021**

**Talba Nru: 94/2020PM1**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Peter Paul Camilleri sija bil-polza u sija bil-Ligi, u kif ukoll l-istess Peter Paul Camilleri (K.I. 704959(M))**

**Vs**

**Nunzio Antignani (K.I. 61590(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Mejju, 2020 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, il-konvenut ghandha jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma kumplessiva ta' tlett elef, sitt mija u disgha u ghoxrin euro u tlieta u disghin centezmi (€3629.93) in kwantu ghas-somma ta' tmien mija u hamsa u disghin euro u hamsa u erbghin centezmi (€895.45) rapprezentanti *excess payment*, hlasijiet medici u telf ta'introjtu illi l-attur Peter Paul Camilleri inkorra in konnessjoni mal-incident hemm deskritt u datat 13 ta' Frar, 2019, u in kwantu ghas-somma ta' elfejn seba' mija u erbgha u tletin euro u tmienja u erbghin centezmu (€2734.48) rapprezentanti d-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incdent illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta`attrici ai termini tal-polza ta'assigurazzjoni relattiva ; bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali

datata 6 ta'Gunju, 2019 u l-ittra ufficjali illi intbaghtet kontestwalment lis-socjeta` Citadel Insurance p.l.c. u bl-interessi legali mis-6 ta'Gunju, 2019 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut gie ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-5 ta' Marzu, 2021 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attur fis-seduta tal-5 ta'Marzu, 2021 u fil-fatt il-konvenut baqa' ma deherx sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra qabelxejn li t-Tribunal odjern huwa kompetenti sabiex a tenur tal-art. 1.2 tat-Taqsima A tar-**Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg** (Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddetermina dan il-kaz tenut kont tal-fatt li, skont kif dettaljat fl-avviz, it-talba ghandha x'taqsam ukoll ma' danni ghall-hsara fil-persuna tal-istess attur, senjatament hlasijiet medici u telf ta'introjtu sofferti mill-istess attur konsegwenti ghall-istess incident (ara f'dan is-sens il-kawza fl-ismijiet **Middlesea Insurance p.l.c. et. v. Antonio Mallia** deciza 14 t'Ottubru, 2016 mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fejn gie ikkonfermat li : "... *jidher li l-intenzjoni tal-legislatur kienet illi jeskludi mill-kompetenza tat-Tribunal tal-Abitragg tilwimiet fejn tkun qieghda ssir talba specifika ghad-danni personali kontestwalment jew indipendentement minn talba ghad-danni materjali.*").

Illi, fil-mertu wkoll in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma kumplessiva ta' tlett elef sitt mija u disgha u ghoxrin euro u tlieta u disghin centezmi (€3629.93) in kwantu ghas-somma ta' tmien mija u hamsa u disghin euro u hamsa u erbghin

centezmi (€895.45) rapprezentanti *excess payment*, hlasijiet medici u telf ta’ introjtu illi l-attur Peter Paul Camilleri inkorra in konnessjoni mal-incident awtomobilistiku deskritt fl-avviz u datat 13 ta’ Frar, 2019, u in kwantu ghas-somma ta’elfejn, seba’ mija u erbgha u tletin euro u tmienja u erbghin centezmu (€2734.48) rapprezentanti d-danni kollha sofferti bhala rizultat ta’dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici ai termini tal-polza ta’assigurazzjoni relattiva; bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta’ Gunju, 2019 u l-ittra ufficjali illi intbaghtet kontestwalment lis-socjeta` Citadel Insurance p.l.c. u bl-interessi legali mis-6 ta’ Gunju, 2019 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**